MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1217/2011

Marcus Tonna
vs
Gordon Debono

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi fil-15 ta' Gunju, 2011 ir-rikorrent kien xtara minghand l-intimat vettura tat-tip "*Jaguar S-Type*" u bin-numru ta' registrazzjoni EBQ783 bil-prezz ta' sbatax il-elf Ewro u dan kif jirrizulta mill-iskrittura annessa u immarkata Dokument A. Fil-bejgh l-intimat kien iggarantixxa li l-vettura kienet "*fully serviced*" u "*1 yr guarantee on CAR*";

2. Illi wara li xtara l-vettura *de quo* bdew hergin xi problemi anke ghaliex bdew jixghelu xi bozoz fil-"*console"* tal-vettura li taw lir-rikorrent x'jifhem li kien

hemm xi affarijiet li kellhom jigu rrangjati u li ghalhekk il-vettura ma kinitx giet *serviced* kif espressament pattwit;

3. Illi sussegwentement bdew hergin difetti ohra serji li kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza jaghmlu l-vettura mhux tajba ghall-iskop li hi maghmula u/jew addirittura perikolu fis-sewqan;

4. Illi r-rikorrent kien irrinfaccja lill-intimat b'dawn l-affarijiet li min-naha tieghu accetta li jaghmel it-tiswijiet;

5. Illi meta l-intimat baqa' ma ghamilx it-tiswijiet il-partijiet qablu verbalment li r-rikorrent kellu jiehu l-vettura ghand l-agenti f'Malta tal-*Jaguar* (Gasan) biex tissewwa minghandhom spejjez ta' l-intimat. Sussegwentement wara li l-agenti ghamlu stima tax-xogholijiet mehtiega l-intimat qal li kien ser isewwi hu (*document* B);

6. Illi ghalhekk il-partijiet qablu fil-25 ta' Novembru, 2011 permezz ta' skambju bl-*emails* u anke verbalment li l-vettura kellha tissewwa sal-15 ta' Dicembru, 2011 u fin-nuqqas il-bejgh jigi rexxiss u l-prezz refuz lir-rikorrent; (Dokument C);

7. Illi l-intimat baqa ma gabarx il-vettura minn fejn kienet thalliet mir-rikorrent (fil-*garage* ta' Gasan) u x-xogholijiet imwieghda baqghu ma sarux;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed talab li jinhall mill-kuntratt tal-karozza b'mod li jirritorna l-vettura lill-intimat li min-naha tieghu ghandu jirrifondi l-prezz ta' l-akkwist;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

10. Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrent talab li din il-Qorti joghgobha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja kull dikjarazzjoni opportuna u prevja li tordna lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddeciedi:

12.1 Tiddikjara li l-vettura hija affetta minn difetti serji li jaghmlu l-vettura mhux tajba ghall-iskop li hi maghmula u/jew addirittura perikolu fis-sewqan u/jew ma hijiex tal-kwalita` pattwita;

12.2 Tiddikjara li fi kwalsiasi kaz l-intimat kien intrabat li jsewwi l-vettura sal-15 ta' Dicembru, 2011 u kien accetta li l-bejgh jithassar f'kaz li dan ma jsehhx;

12.3 Thassar il-kuntratt ta' bejgh tal-15 ta' Gunju, 2011 permezz ta' liema r-rikorrent xtara l-vettura *Jaguar S Type* numru ta' registrazzjoni EBQ783 minghand l-intimat u tordna lill-intimat jirrifondi l-prezz ta' l-akkwist flimkien mal-ispejjez inkorsi fir-registrazzjoni tal-vettura u l-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju, b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti naxxenti mill-fatti deskritti f'dan ir-rikors; u bl-ingunzjoni ta' l-intimat in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat li l-intimat ghalkemm debitament notifikat skond il-ligi baqa' kontumaci.

**B. PROVI:**

Illi a fol 4 tal-process hemm Dokument A li huwa kopja tal-*Contract of sale* bejn il-partijiet, liema bejgh sar ghas-somma ta' €17,000.

Illi a fol 5 hemm Dokument B esebit li hija stima ta' tiswijiet b'indikazzjoni ta' l-oggett u l-*parts* u l-*labour* li jtellghu s-somma ta' €4,573.80.

Dokument C a fol 6 tal-process hemm *emails*, fosthom l-email tal-25 ta' Novembru, 2011 bil-kliem "*acknowledged and agreed in total*" li tirrispondi ghall-*email* ta' dakinhar stess ta' siegha qabel fejn ir-rikorrent jikteb lill-intimat u

fost kliem ohra "*you have agreed to refund the whole amount of €17,000 back to me*…"

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikors fejn bil-gurament gew ikkonfermati l-fatti kollha msemmija fir-rikors guramentat.

Rat li gie prezentat affidavit ta' Marcus Tonna li fih issemma li hu akkwista vettura tat-tip *Jaguar S-Type Sport Automatic* (bin-numru tar-registrazzjoni EBQ783) minghand Mr. Gordon Debono ta' "Just Jags" permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Gunju, 2011 ghall-prezz ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) fil-garanzija i l-vettura kienet "*fully serviced*" u "1 *yr guarantee on car*". Meta akkwista din il-vettura hallas ukoll l-*insurance* taghha ghal sena dekorribbli mid-9 ta' Gunju, 2011 sal-31 ta' Mejju, 2012 fis-somma tliet mija, u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€320.10).

Ftit wara li xtara l-vettura bdew hergin problemi u kien hemm xi affarijiet illi kellhom jigu rrangjati u ghalhekk il-vettura ma kinitx giet *serviced* kif esspressament pattwit. Tkellem mal-intimat u huwa accetta li jaghmel dawn it-tiswijiet, izda naqas milli jaghmilhom.

Bi qbil mal-intimat kien ha l-vettura ghand Gasan Enterprises biex jaraw x'tip ta' tiswijiet kellhom isiru fuq il-vettura u Gasan hargu l-istima taghhom fl-10 ta' Novembru, 2011. Wara li din l-istima giet moghtija lil Mr. Debono huwa ddecieda li ser isewwi l-vettura huwa stess u skond l-*email* datat 25 ta' Novembru, 2011, Mr. Debono accetta li l-vettura tissewwa sal-15 ta' Dicembru, 2011.

Zied li billi Debono naqas milli jonora l-obbligi tieghu certu xogholijiet kellhom isiru mill-entita` Gasan Enterprises u fil-fatt fit-3 ta' Jannar, 2012 hu hallas lil Gasan Enterprises ghax-xogholijiet li saru fuq il-vettura li ammontaw ghal hames mija u sebghin Euro (€570.00). Illi dakinhar il-vettura kellha tigi rmonkata sabiex tigi trasferita mill-*workshop* tal-Gasan ghall-garaxx tieghu personali u l-ammont li thallas kien ta' erbghin Euro (€40.00). Din il-vettura ghadha sa llum il-gurnata fil-garaxx tar-rikorrent u

ma tistax tintuza minkejja l-ispejjez surreferiti fl-ammont totali ta’ disa’ mija u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€930.10) li nefaq.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimat huwa kontumaci izda l-gurisprudenza kostanti tqis il-kontumacja bhala oppozizzjoni. Ir-rikrorent insista li l-vettura mhix tajba ghall-iskop li ghalih kellha tintuza u ghalhekk wara li espona l-fatti, ghamel tliet talbiet specifici. Propjament l-ewwel talba hija dik li:

“Tiddikjara li l-vettura hija affetta minn difetti serji li jaghmlu l-vettura mhux tajba ghall-iskop li hi maghmula u/jew addirittura perikolu fis-sewqan u/jew ma hijiex tal-kwalita` pattwita;”

Illi bhala stat ta’ fatt dan gie ippruvat minn rapporti u stimi esebiti fil-process. Fil-fatt ir-rikorrent kien ta l-fakulta` lill-intimat diversi drabi li jaghmel it-tiswijiet estensivi necessarji izda dan inutilment minhabba l-fatt li l-intimat baqa’ inadempjenti. Illi ghalhekk l-ewwel talba qed tigi milqugha wara li l-Qorti ezaminat ir-rapporti esebiti.

Sekondarjament ir-rikorrent talab li:

“Tiddikjara li fi kwalsiasi kaz l-intimat kien intrabat li jsewwi l-vettura sal-15 ta’ Dicembru, 2011 u kien accetta li l-bejgh jithassar f’kaz li dan ma jsehhx;”

Jekk wiehed jara fol 6 tal-process l-*emails* li hemm tal-25 ta’ Novembru, 2011 dawn jaghmluha cara li “*to refund the whole amount of €17,000 back to me*” u fl-*email* sussegwenti “*acknowledged and agreed in total*”.

Ghalhekk il-Qorti tilqa’ din it-talba.

It-tielet talba tar-rikorrenti hija:

“Thassar il-kuntratt ta’ bejgh tal-15 ta’ Gunju, 2011 permezz ta’ liema r-rikorrent xtara l-vettura *Jaguar S Type* numru ta’ registrazzjoni EBQ783 minghand l-intimat u tordna lill-intimat jirrifondi l-prezz ta’ l-akkwist flimkien mal-ispejjez inkorsi fir-registrazzjoni tal-vettura u l-imghaxijiet legali skond il-ligi.”

It-tielet talba tidher gustifikata wkoll u ghalhekk tordna t-thassir tal-kuntratt imsemmi kif ukoll tordna r-rifuzjoni tal-prezz ta' €17,000. Ir-rikorrent huwa gustifikat ukoll li jitlob li jigi rimborsat ta' l-ispejjez sussegwenti ammontanti ghal €930.10.

Izda r-rikorrent mhux intitolat kif talab ghall-imghaxijiet legali (ara **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010).

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kif inghad hawn fuq u thassar il-kuntratt tal-15 ta' Gunju, 2011.

Tordna lill-intimat jirrifondi s-€17,000 u jhallas l-ispejjez li bata r-rikorrent u cioe` €930.10.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------